**16 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Vincent Galea ne.

*versus*

Angela Borg et.

**Komunjoni tal-Akkwisti — Mara — Interess — Liberazzjoni "ab observantia".**

*Hu veru li l-mara fil-komunjoni tal-akkwisti ma tidħolx għat-telf f'iżjed mis-sehem li jmissha mill-istess akkwisti; iżda l-interess tagħha f'ġudizzju wara l-mewt ta' żewġha dwar debitu l jaqa' f'dawk l-akkwisti hu wisq manifest biex jiġi diskonoxxut, u għalhekk il-preżenza tagħha f'dak il-ġudizzju ma hi xejn inutili.*

*Jekk f'ġudizzju simili l-mara teċċepixxi illi l-kreditu pretiż hu kontra l-komunjoni tal-akkwisti, u li għalhekk ma hemmx bżonn li hija tiġi mħarrka u għandha tiġi liberata "ab observantia", u b'din l-eċċezzjoni hija trid tfisser illi, għax spiċċa ż-żwieġ bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi, is-superstiti ma jistax jitlob kontra t-terzi, u dawn ma jistgħux jitolbu kontra s-superstiti, in-nofs ta' dan mill-asserti akkwisti, din hija ħaġa oħra li tiġi riżoluta fil-meritu tal-kawża.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu, fil-kwalità tiegħu premessa, is-somma ta' £72. 18. 3, prezz ta' ħut lill-istess konvenuti mibjugħ u konsenjat; bl-interessi u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Angela Borg, li ssottomettiet illi l-kreditu pretiż mill-attur hu kontra l-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk ma hemmx bżonn li hija tiġi mħarrka, għaliex hija responsabbli biss sakemm jaslu l-forzi tal-komunjoni, u għalhekk għandha tiġi liberata "ab observantia" a spejjeż tal-attur nomine; u inoltre, u mingħajr preġudizzju tal-premess, il-kreditu għandu jiġi pruvat;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kuraturi li ssottomettew illi mhumiex edotti mill-fatti tal-kawża, u kwindi jirriżervaw li jissollevaw kull eċċezzjoni fi stadju ulterjuri tagħha;

*Omissis:*

Tikkunsidra, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Angela Borg, fis-sens li ma kienx hemm bżonn li hija tiġi ċitata;

Illi hu veru li l-mara fil-komunjoni tal-akkwist ma tidħolx għat-telf f'iżjed mis-sehem li jmissha mill-istess akkwisti; iżda l-interess tagħha f'ġudizzju wara l-mewt ta' żewġha dwar debitu li jaqa' f'dawk l-akkwisti hu wisq manifest biex jiġi diskonoxxut, u għalhekk il-preżenza tagħha f'dak il-ġudizzju ma hi xejn inutili. Jekk il-konvenuta Angela Borg trid tfisser illi, għax spiċċa ż-żwieġ bil-mewt ta' wieħed mill-konjuġi, is-superstiti ma jistax jitlob kontra t-terzi, u dawn ma jistgħux jitolbu kontra s-superstiti in-nofs ta' dan mill-asserti akkwisti, din hija ħaġa oħra li tiġi riżoluta mal-meritu tal-kawża;

**Għaldaqstant;**

Tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mil-istess konvenuta Angela Borg fis-sens li ma jmisshiex ġiet imħarrka, mingħajr taxxa tal-ispejjeż.